# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 26 ta' Ottubru, 2022.**

**Numru 42**

**Rikors numru 199/2020/1 MH**

**Mark Anthony Muscat**

***v.***

**Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali; u *HSBC Bank Malta p.l.c.* (C3177) għal kull interess li jista' jkollu**

1. Dan huwa appell tar-rikorrent Mark Anthony Muscat minn provvediment mogħti mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Frar 2022, fi proċeduri mibdija mir-rikorrent taħt l-art. 64 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, li bih l-ewwel qorti laqgħet eċċezzjoni ta' dekadenza u ċaħdet it-talbiet tar-rikorrent biex titħassar u tinħadem mill-ġdid taxxa ta' drittijiet ġudizzjarji. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. Fil-5 ta' Diċembru 2017 ingħatat sentenza mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili *in re* Mark Muscat *v. HSBC Bank Malta p.l.c.* Ir-rikorrent appella iżda l-appell għadu ma nqatax. B'ittra ġudizzjarja tat-12 ta' Marzu 2018, notifikata lir-rikorrent fis-16 ta' Mejju 2018, ir-Reġistratur tal-Qrati ["ir-reġistratur"] sejjaħ lir-rikorrent biex iħallas tmint elef, erba' mija u tlieta u erbgħin euro u sittax-il ċenteżmu (€8,443.16) "drittijiet tar-reġistratur". Fl-4 ta' Frar 2020 ir-reġistratur kiseb ukoll il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru eżekuttiv bis-saħħa tat-taxxa ta' drittijiet.

3. Bir-rikors li bih inbdew il-proċeduri tal-lum ir-rikorrent attakka t-taxxa ta' drittijiet li jgħid li ma tiswiex għal raġunijiet li fissirhom fl-istess rikors.

4. Ir-reġistratur ressaq din l-eċċezzjoni, fost oħrajn:

> »… … … l-azzjoni attriċi hija preskritta *ai termini* tal-artikolu 64(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jippreskrivi terminu ta' xahar biex wieħed jattakka taxxa. F'dan il-każ ir-rikorrent ġie notifikat b'ittra uffiċjali għal ħlas tad-dritt tal-esponenti mis-16 ta' Mejju 2018. L-art. 64 tal-Kap. 12 ikompli jgħid fir-rigward ta' kif jiddekorri it-terminu ta' xahar illi "dan iż-żmien, għal dawk li jitolbu t-taxxa tal-ispejjeż, jibda jgħodd mill-ġurnata li fiha tkun ħarġet it-taxxa, u, għad-debitur li jkun regolarment notifikat bit-taxxa b'att ġudizzjarju, mill-ġurnata ta' dik in-notifika".«

5. *HSBC Bank Malta p.l.c.* ["*HSBC*"] ukoll ressaq din l-eċċezzjoni, fost oħrajn:

> »… … … it-talba tar-rikorrenti għar-ritassa hija perenta bit-terminu ta' xahar skont il-liġi (*vide* artiklu 62 [*recte*, 64] tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta).
>
> »Jirriżulta illi r-rikorrenti, kif jaċċenna fir-rikors tiegħu, ġie debitament notifikat fis-16 ta' Mejju 2018 b'ittra uffiċjali (ittra numru 833/18) li permezz tagħha ġie interpellat iħallas.
>
> »Ghalhekk, it-talba tar-rikorrenti hija preskritta skont il-liġi għaliex intavolata *oltre* x-xahar li tikkonċedi l-liġi.«

6. Bil-provvediment li minnu sar dan l-appell l-ewwel qorti laqgħet dawn l-eċċezzjonijiet u ċaħdet it-talbiet tar-rikorrent għal raġunijiet li fissrithom hekk:

> »Mill-atti jirriżulta li:
>
> »i. fil-5 ta' Diċembru 2017 ingħatat sentenza minn din il-qorti … … … fil-kawża fl-ismijiet <u>Mark Muscat *v. HSBC Bank Malta plc*</u> (rik. 153/13) li minnha ġie intavolat appell fil-21 ta' Diċembru 2017. Dan l-appell għadu mhux appuntat;
>
> »ii fis-16 ta' Mejju 2018 ir-rikorrent ġie notifikat b'ittra uffiċjali nru 833/2018 maħruġa mir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali per-mezz ta' liema huwa ġie interpellat sabiex iħallas is-somma ta' €8,443.16 dovuta bħala drittijiet tar-reġistratur in konnessjoni mal-kawża msemmija;
>
> »iii. ir-rikorrent intavola l-proċeduri odjerni ta' ritassa fit-3 ta' Marzu 2020.
>
> »L-artikolu 64(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi hekk –
>
> > »"**64.** (1) L-ispejjeż ġudizzjarji jiġu ntaxxati u likwidati mir-reġistratur, u t-taxxi magħmulin minnu ma jistgħux jiġu attakkati wara li jagħlaq xahar. Dik l-azzjoni għandha tinbeda b'rikors li għandu jiġi trattat sommarjament mill-qorti. Dan iż-żmien, għal dawk li jitolbu t-taxxa tal-ispejjeż, jibda jgħodd mill-ġurnata li fiha tkun ħarġet it-taxxa, u, għad-debitur li jkun regolarment innotifikat bit-taxxa b'att ġudizzjarju, mill-ġurnata ta' dik in-notifika."
>
> »Minn din id-disposizzjoni tal-liġi titnissel il-kompetenza tar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali li jintaxxa d-drittijiet u l-ispejjeż tal-partijiet f'kawża u li joħroġ it-taxxa relattiva. It-terminu stabbilit għal talba għal ritassa huwa ta' xahar li jiddekorri b'żewġ modi:
>
> »a. minn dakinhar li tinħareġ it-taxxa fil-konfront tal-persuna li tkun talbet it-taxxa; u
>
> »b. minn dakinhar tan-notifika tat-taxxa b'att ġudizzjarju fil-konfront tad-debitur li jkun qed jintalab iħallas.
>
> »Fil-każ tal-lum, ir-rikorrent jaqa' taħt it-tieni kategorija. Huwa dritt tal-parti interessata li timpunja dik it-taxxa fi żmien utli. Kemm-il darba dak iż-żmien jgħaddi mingħajr ma jittieħdu l-proċeduri imsemmija fl-artikolu ċitat, dik it-taxxa ma tkunx tista' tiġi aktar kontestata u ssir titolu eżekuttiv a tenur tal-artikolu 253 (*ċ*) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.
>
> »… … …
>
> »… … … il-qorti tqis li huwa inkontestat mill-provi li r-rikorrent ġie notifikat bl-ittra uffiċjali 833/2018 fis-16 ta' Mejju 2018. Il-proċeduri odjerni għal ritassa ġew intavolati fit-3 ta' Marzu 2020 u *cioè* aktar minn wieħed u għoxrin xahar wara d-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali msemmija. La l-artikolu 64 tal-Kap. 12 suċċitat jistabilixxi terminu perentorju ta' dekadenza ta' xahar min-notifika tal-ittra uffiċjali li, fil-każ tar-rikorrent, ilu ferm li skada, l-azzjoni minnu mressqa quddiem din il-qorti ma tistax tipproċedi ulterjorment għax hija preskritta skont il-liġi. L-eċċezzjonijiet tal-intimati huma għalhekk ġustifikati.

»Għal dawn il-motivi l-qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-intimati rispettivament; tiċħad it-talba tar-rikorrent bl-ispejjeż kontra tiegħu.«

7. Ir-rikorrent appella b'rikors tal-21 ta' Frar 2022 u talab illi l-qorti tħassar il-provvediment, tiċħad l-eċċezzjonijiet u tibghat l-atti lura lil-ewwel qorti sabiex quddiemha jitkompla s-smigħ. Wieġeb biss *HSBC* fil-21 ta' Marzu 2022.

8. L-aggravji tal-appell ġew imfissra hekk:

> »L-ewwel qorti żbaljat meta ddeċidiet li t-terminu għall-preżentata tal-kawża beda għaddej minn meta l-esponent gie notifikat bl-ittra uffiċjali li ppreżenta l-intimat Reġistratur tal-Qrati Ċiviii u Tribunali kontra tiegħu għall-ħlas tad-dritt tar-reġistru pretiż minnu fil-kawża <u>Mark Muscat *v. HSBC Bank Malta plc*</u> (rik. nru 153/13), deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' Diċembru 2017, u kellha korrettement tqis li dan it-terminu qasir ta' xahar preskritt fil-liġi beda għaddej mindu l-esponent kien notifikat bit-taxxa sħiħa tad-drittijiet u l-ispejjeż li ħadem l-istess reġistratur għar-rigward ta' din il-kawża.
>
> »L-esponent huwa parti f'kawża fl-ismijiet <u>Mark Muscat *v. HSBC Bank Malta plc*</u> (rik. nru 153/13), li kienet deċiza mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' Diċembru 2017, u li l-esponent appella minnha quddiem din il-qorti. Dan l-appell għadu pendenti.
>
> »Fis-16 ta' Mejju 2018, l-esponent ġie notifikat b'ittra uffiċjali tar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali, datata 12 ta' Marzu 2018, li permezz tagħha dan l-appellat interpellah iħallas fi żmien erbat ijiem "is-somma ta' tmint elef erba' mija u tlieta u erbgħin euro u sittax-il ċenteżmu (€8,443.16) minnek dovuta bħala drittijiet tar-reġistratur in konnessjoni mal-kawża fl-ismijiet: <u>Mark Muscat *v. HSBC Bank Malta plc*</u> deċiża fil-5 ta' Diċembru 2017". Ma' din l-ittra uffiċjali ma kien hemm anness ebda dokument, lanqas it-taxxa uffiċjaii tad-drittijiet u l-ispejjeż tal-kawża.
>
> »L-esponent ippreżenta kopja tat-"taxxa uffiċjali tad-drittijiet u spejjeż tar-rikors ġuramentat numru 153/13 fl-ismijiet <u>Mark Muscat *v. HSBC Bank Malta plc*</u> deċiża fil-Qorti Ċivili Prim'Awla fil-5 ta' Diċembru 2017 fl-atti relattivi u sussegwenti" li turi li ġiet "maħduma fil-31-Jan-2020".
>
> »Ma jirriżultax mill-atti li l-esponent qatt ġie notifikat b'dan id-dokument tat-taxxa, u filfatt baqa' qatt ma ġie notifikat bih. Huwa sar jaf bl-eżistenza tiegħu inċidentalment, minn indaġini li għamel, wara li sar jaf b'mandat ta' sekwestru esekuttiv (sek. numru 177/2020) li r-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali ottjena kontra l-esponent fl-4 ta' Frar 2020.
>
> »Sfortunatament, għalkemm l-ewwel qorti applikat id-disposizzjoni korretta – mhux dik żbaljata indikata mill-intimata *HSBC Bank Malta plc* – hija applikat ħażin ir-rekwiżiti tal-liġi għall-fatti ta' dan il-każ.

»Kif qalet tajjeb l-ewwel qorti, l-art. 64(1) tal-Kap. 12 jagħti d-diskrezzjoni amministrattiva lill-appellat Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali biex jintaxxa u jillikwida l-ispejjeż ġudizzjarji u jikkompila t-taxxa tal-kawża, però jagħti d-dritt ukoll li dik id-deċiżjoni tar-reġistratur tiġi kontestata, kemm minn min ikun talab it-taxxa tal-ispejjeż – u allura l-kreditur – u anke mid-debitur li jkun obbligat iħallas dawk l-ispejjeż. Fl-interess taċ-ċertezza, il-liġi timponi terminu perentorju qasir ħafna biex il-kreditur jew id-debitur jikkontestaw dik id-deċiżjoni. Però dan it-terminu qasir ta' xahar ma jibdiex jiddekorri mill-istess jum għall-kreditur u d-debitur. Il-liġi tagħmel distinzjoni, u tispeċifika li "Dan iż-żmien, għal dawk li jitolbu t-taxxa tal-ispejjeż, jibda jgħodd mill-ġurnata li fiha tkun ħarġet it-taxxa, u, għad-debitur li ikun regolarment innotifikat bit-taxxa b'att ġudizziarju, mill-ġurnata ta' dik in-notifika".

»L-ewwel qorti korrettement inkażellat lill-esponent bħala "d-debitur", u korrettement ukoll applikat għalih, biex imexxi b'din l-azzjoni, it-terminu perentorju ta' xahar minn meta kien regolarment innotifikat bit-taxxa b'att ġudizzjarju. Però mbagħad żbaljat għaliex iddikjarat li din in-notifika kienet saret meta ġie notifikat bl-ittra uffiċjali tar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali numru 833/2018 fis-16 ta' Mejju 2018.

»Fl-atti ta' din il-kawża, din l-ittra uffiċjali 833/2018 [iet eżibita tliet darbiet, u fl-ebda kopja ma tissemma t-taxxa, u ma' l-ebda dokument ma tidher li kienet akkluża din it-taxxa. Effettivament, id-dokument tat-taxxa nnifsu, esibit mill-esponent, u mhux kontestat mill-bqija tal-partijiet fil-kawża, juri biċ-ċar li dan ma seta' qatt ġie notifikat lill-esponent mal-ittra uffiċjali 833/2018, għaliex inħadem sentejn wara, fil-31 ta' Jannar 2020! Sfortunatament, għal xi raġuni, din ir-riżultanza fattwali ċara jidher li qabżet lill-ewwel qorti, u b'hekk waslet għall-konklużjoni żbaljata dwar din l-eċċezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni / dekadenza tal-azzjoni tal-esponent.

»Irid jingħad ukoll li r-rekwiżit tal-liġi li d-debitur jiġi notifikat bid-dokument tat-taxxa mhuwiex hemm b'kapriċċ, jew bla skop. Kif qalet tajjeb il-qorti fis-sentenza li ċċitat hija stess fis-sentenza appellata, fl-ismijiet <u>Avukat Dr Tonio Azzopardi *v.* Direttur tal-Qrati Ċivili u Tribunali e</u>[1], "Minħabba li l-ħruġ ta' dawk it-taxxi jikkonsisti f'għamil amministrativ li, minbarra li jimxi fuq atti tal-qorti, jimplika fih ukoll ċertu ġudizzju jew diskrezzjoni tar-reġistratur, huwa xieraq li jingħata r-rimedju lil min iħoss li dak il-ġudizzju jew diskrezzjoni ma jkunux saru kif imiss". U dan ir-rimedju ma jistax jiġi eżerċitat b'mod effettiv jekk id-debitur ma jkunx laħaq, tal-anqas, ġie notifikat bid-dokument tat-taxxa, li huwa l-uniku mod kif jista' jasal għall-metodu kif ir-reġistratur eżerċita din id-diskrezzjoni tiegħu, u b'hekk ikun f'qagħda jeżerċita r-rimedju mogħti lilu bl-azzjoni kontemplata fl-art. 64(1) tal-Kap. 12.

»Din l-interpretazzjoni tal-esponent hija sorretta minn dak deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża <u>George Vella *v.* Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali et</u>[2], f'każ prattikament identiku għall-każ in eżami, fejn id-debitur sar jaf bit-taxxa għall-ewwel darba għaliex din kienet annessa ma' mandat ta' sekwestru maħruġ kontra tiegħu. Il-qorti ddeċidiet li t-terminu ta' xahar allura beda għaddej għad-debitur mill-

---

1 P.A. 17 ta' Marzu 2013; appell deżert fit-2 ta' Marzu 2021

2 19 ta' Novembru 2009, mhux appellata

jum meta ġie notifikat bit-taxxa mal-mandat ta' sekwestru, u mhux qabel.«

9. *HSBC* wieġeb hekk:

> »Fis-suċċint, l-appellant jittanta jargumenta illi l-ittra uffiċjali li nħarġet mir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali *ai termini* tal-artiklu 64 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta m'għandhiex torbtu a finijiet tal-istess artiklu; b'dan għalhekk illi kwalunkwe perjodu ta' dekadenza mibdija abbażi tal-ittra uffiċjali m'għandux jiskatta fil-konfront tiegħu.
>
> »L-appellant jissostanzja dan l-aggravju billi jargumenta illi flimkien mal-interpellazzjoni li saritlu huwa qatt ma rċieva kopja tat-taxxa għaliex l-istess ma kinetx annessa mal-ittra interpellatorja.
>
> »M'hux kontestat illi l-appellant ġie notifikat b'ittra interpellatorja mibgħuta mir-reġistratur bin-numru 833/2018 sabiex iħallas somma dovuta in kwantu dritt pagabbli lir-reġistratur.
>
> »Infatti jirriżulta mill-atti esebiti illi l-appellant ġie debitament notifikat b'din l-ittra uffiċjali fis-16 ta' Mejju 2018.
>
> »Lanqas ma huwa kontestat illi hemm xi ambigwità riżultanti l-istess ittra uffiċjali għaliex, minn ħarsa ħafifa ta' din l-ittra, il-kreditu li avvanza r-reġistratur joħrog ċar; dan għaliex iċ-ċifra mitluba hija debitament rappreżentata, il-mertu huwa wkoll hemm indikat, mentri d-dettalji tal-kawża li abbażi tagħha nħarġet huma wkoll hemm imsemmija; fi kliem iehor, l-ittra hija eżawrenti.
>
> »L-esponenti appellat jikkonċedi illi l-attur appellant kien ikollu raġun jipprova jipprotesta l-fatt illi huwa ġie debitament notifikat skont il-liġi jekk kemm-il darba r-reġistratur naqas milli jirrelata dwar dawn il-ħwejjeġ u li a kawża ta' tali nuqqas l-appellant ġie żvijat tant illi ġie prekluż milli jeżerċita dawk id-drittijiet li ttih il-liġi fi żmien opportun.
>
> »Iżda, għal kważi sentejn mid-data li l-appellant ġie validament notifikat b'dana l-att ġudizzjarju, hu għażel – għal raġunijiet li hu biss jaf bihom – li ma jieħu ebda passi biex jikkontesta l-pretensjoni tar-reġistratur; dan għaliex il-kawża odjerna ġiet preżentata biss f'Marzu tal-2020 u għaldaqstant kienet korretta l-ewwel qorti li sabet li t-talba tal-appellant ġiet intavolata *fuori termine*.«

10. It-tweġiba ma tindirizzax l-aggravji, *viz.* (i) illi mal-ittra ġudizzjarja tat-12 ta' Marzu 2018 ma kienx hemm mehmuża kopja tat-taxxa; anzi l-ittra lanqas issemmi t-taxxa; u (ii) illi l-ittra ma setgħetx tiġi notifikata b'dik l-ittra ġudizzjarja għax inħadmet wara, fil-31 ta' Jannar 2020. Fil-fatt ma seta' jkun hemm ebda tweġiba għal dawn l-aggravji għax il-fatti huma li huma: ma kien hemm ebda dokument, u għalhekk lanqas it-taxxa, mehmuż mal-ittra ġudizzjarja tat-12 ta' Marzu 2018, u dokument maħluq fil-31 ta'

Jannar 2020 ma setax ġie notifikat fis-16 ta' Mejju 2018. B'ebda mod għalhekk ma jista' jingħad illi l-atti juru illi r-rikorrent kien notifikat bit-taxxa meta kien notifikat bl-ittra fis-16 ta' Mejju 2018. Li trid il-liġi biex jibda għaddej it-terminu għall-kontestazzjoni ta' taxxa ta' drittijiet ġudizzjarji hu li d-debitur jiġi notifikat b'kopja ta' dik l-ittra b'att ġudizzjarju; mhux biżżejjed illi fl-ittra jissemma l-kreditu u l-kawża relattiva, jekk ma tiġix notifikata wkoll it-taxxa nfisha.

11. La n-notifika ma saritx, it-terminu ma bediex għaddej, u għalhekk ma jistax jingħad illi l-azzjoni tar-rikorrent waqgħet b'dekadenza.

12. Il-qorti għalhekk tilqa' l-appell, tħassar il-provvediment tat-2 ta' Frar 2022, tħassar l-eċċezzjonijiet ta' dekadenza jew preskrizzjoni, u tibgħat l-atti lura lill-ewwel qorti sabiex quddiemha jitkompla s-smigħ.

13. *HSBC* iħallas l-ispejjeż tiegħu, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell; l-ispejjeż l-oħrajn kollha jħallashom ir-reġistratur.

Mark Chetcuti
President

Giannino Caruana Demajo
Imħallef

Anthony Ellul
Imħallef

Deputat Reġistratur
gr